



Brussell, 26 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8267/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0071 (COD)

VOTE 32
INF 109
PUBLIC 40
CODEC 411

NOTA

Suġġett:	• Riżultat tal-votazzjoni • Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi tat-traspożizzjoni tagħhom = Adozzjoni tal-att legiſlattiv = Deroga mill-perijodu ta' 8 ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 għat-TFUE dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE. Eżitu tal-proċedura bil-miktub li tlestiet fil-25 ta' Mejju 2020
----------	--

L-eżitu tal-votazzjoni dwar l-att legiſlattiv imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 għal din in-nota.

Dokument ta' referenza:

PE-CONS 14/20

data tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub mill-Coreper, Parti 1,
20.05.2020

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispegazzjonijiet tal-votazzjoni jinsabu fl-Anness 2 għal din in-nota.



General Secretariat of the Council

Institution: Council of the European Union
 Session:
 Configuration:
 Item: 2020/0071 (COD) (Document: 14/20)
 Voting Rule: qualified majority
 Subject: Directive of the European Parliament and of the Council amending Directives (EU) 2016/797 and (EU) 2016/798, as regards the extension of their transposition periods

Vote	Members	Population (%)
Yes	25	95,08%
No	0	0%
Abstain	2	4,92%
Not participating	0	
Total	27	

Sitting date: **25/05/2020**

Final result



Member State	Weighting	Vote	Member State	Weighting	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,56		LIETUVA	0,62	
БЪЛГАРИЯ	1,56		LUXEMBOURG	0,14	
Ceská REPUBLIKA	2,35		MAGYARORSZÁG	2,18	
DANMARK	1,30		MALTA	0,11	
DEUTSCHLAND	18,54		NEDERLAND	3,89	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	1,98	
ÉIRE/IRELAND	1,10		POLSKA	8,49	
ΕΛΛΑΔΑ	2,40		PORTUGAL	2,30	
ESPAÑA	10,49		ROMÂNIA	4,34	
FRANCE	14,98		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,91		SLOVENSKO	1,22	
ITALIA	13,65		SUOMI/FINLAND	1,23	
ΚΥΠΡΟΣ	0,20		SVERIGE	2,29	
LATVIJA	0,43				

* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population

For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka laqgħet ir-reazzjoni rapida tal-Kummissjoni Ewropea għas-sitwazzjoni straordinarja kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19 u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri. L-estensjoni tal-perijodu ta' traspożizzjoni tal-pilastru tekniku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju hija kruċjali f'dawn iż-żminijiet inċerti u diffiċli.

Matul in-negozjati tal-abbozz ta' Direttiva, ir-Repubblika Ċeka rrakkomandat b'mod qawwi dewmien suffiċjenti għat-traspożizzjoni bil-ħsieb li jitlesta l-proċess leġislattiv neċessarju fil-livell nazzjonali, li jirrifletti ċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19.

Għalhekk, ir-Repubblika Ċeka tesprimi d-diżappunt kbir tagħha għaliex l-estensjoni proposta ta' erba' xhur ma ssolvix il-problemi li qed jiffaċċjaw xi Stati Membri. Il-laxkar gradwali attwali tal-konfinament juri kwistjonijiet addizzjonali li jeħtieġu li jiġu indirizzati u l-kriżi mhijiex qed toqrob lejn tmiemha. Il-programmi ta' rkupru ekonomiku ser joħolqu pressjoni kbira fuq il-parlamenti nazzjonali fix-xhur li ġejjin.

L-implimentazzjoni armonizzata tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju hija prerekwiżit essenzjali għall-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea. F'dan ir-rigward, l-estensjoni xierqa tal-perijodu ta' traspożizzjoni tiżgura ċarezza legali, isserraħ moħħ il-partijiet ikkonċernati kollha fil-qasam ferrovjarju u tevita problemi potenzjali li jistgħu jiffaċċaw din il-Ħarifa. Il-qafas legali inkoerenti li jmiss ser jolqot is-settur ferrovjarju prinċipalment fil-qasam tal-approvazzjonijiet tal-vetturi. L-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv ukoll, speċjalment fil-qasam taċ-ċertifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet ta' vetturi u t-taħriġ ta' esperti.

Ir-Repubblika Ċeka jiddispjaċiha wkoll dwar id-deċiżjoni li tiġi segwita l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew mingħajr ma jkun hemm negozjati, li jistgħu jkunu rapidi u effiċjenti ħafna. Approċċ bħal dan jista' joħloq preċedent perikoluż mill-perspettiva istituzzjonali. Il-Parlament Ewropew jista' jieħu vantaġġ mill-attitudni attwali tal-Kunsill fil-futur f' dossiers oħra.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Repubblika Ċeka tastjeni milli tivvota dwar l-adozzjoni tal-abbozz ta' Direttiva.
